MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 343/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Joseph Casha (I.D. nru. 214574(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fid-9 ta' April, 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Isabelle Gonzi datat fid-29 ta' Novembru 2002 (Dok. A) is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Casha;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Joseph Casha fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, mija u tmienja u

ghoxrin Ewro u tmintax-il centezmu (€29,128.18) ekwivalenti ghall-tnax-il elf, hames mija u erba' Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm12,504.73) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph Casha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B2", "C1 sa C2", "D1 sa D2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta' Marzu 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebiti bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Casha;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph Casha li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment

5. Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata fil-25 ta' Awissu 2004 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqgha inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab ghaldaqstant wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Casha (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c)

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Joseph Casha li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lil Joseph Casha jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tmintax-il centezmu (€29,128.18) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta’ Joseph Casha mal-Bank of Valletta p.l.c. (. “B1 sa B2”, “C1 sa C2”, “D1 sa D2”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta’ Marzu 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fil-25 t’Awissu 2004 u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil PL Francesca Scerri ghall-bank attur fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2009 tikkonferma bil-gurament illi l-bank attur sa dakinhar baqa ma thallas xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur s-somma ta’ ta' disgha u ghoxrin elf, mija u tmienja u ghoxrin Ewro u tmintax-il centezmu (€29,128.18) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta’ Joseph Casha mal-Bank of Valletta p.l.c. (. “B1 sa B2”, “C1 sa C2”, “D1 sa D2”) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-5 ta’ Marzu 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament; bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------